UNIVERSITY OF MALTA

THE MATRICULATION CERTIFICATE EXAMINATION
INTERMEDIATE LEVEL

# IL-MALTI

## MAY 2007

## EXAMINERS' REPORT

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION
CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
# LIVELL INTERMEDJU – MALTI
# IS-SESSJONI TA' MEJJU 2007

Din is-sena resqu għal dan l-eżami 684 kandidat (21 anqas mis-sena l-oħra). Meta wieħed iqabbel l-istatistiċi jsib li inġenerali l-livell naqas xi ftit. Kien hemm 20 biss li ħadu grad A (- 0.5%), 95 li ħadu grad B ( daqs is-sena l-oħra), 235 ħadu grad Ċ (- 3%), 197 ħadu grad D (+ 7.2%), 72 ħadu grad E (- 4.8%) u 53 weħlu (+ 1.5%). Minn dawn il-figuri nistgħu ngħidu li ħafna mill-kandidati li qed jersqu għal dan l-eżami mhux qed jilħqu l-livell mixtieq. Dan jista' jkun ġej minn diversi fatturi kif se jiġi indikat fil-kummenti li se nagħmlu. Madankollu tidher ftit stramba li minkejja li dan is-suġġett jittratta propju l-lingwa li biha l-biċċa l-kbira tal-kandidati jitkellmu u jużawha l-ħin kollu biex jikkomunikaw u jfissru ħsibijiethom, ħafna minnhom wrew nuqqas ta' ħila fl-espressjoni u l-kitba tagħhom.

| A | B | Ċ | D | E | F | ASSENTI | REĠ. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | 95 | 235 | 197 | 72 | 53 | 12 | 684 |
| 2.9% | 13.9% | 34.4% | 28.8% | 10.5% | 7.7% | 1.8% | 100% |

**L-Orali (20%)**

Din it-taqsima ta' l-eżami ssir biex tiġi eżaminata l-kompetenza lingwistika tal-kandidati minn kif jitkellmu bil-Malti meta juru l-fehmiet tagħhom dwar is-suġġett li jagħżlu l-kandidati nfushom quddiem l-eżaminatur. L-eżaminaturi jiġġudikaw lill-kandidati billi jimxu fuq diversi kriterji marbutin mal-ħiliet fl-argumentazzjoni, fosthom: l-espressjoni tal-ħsieb, l-iżvilupp ta' l-ideat, l-użu tal-lingwa korretta mil-lat grammatikali. Għalkemm il-biċċa l-kbira jiksbu marki tajbin, issib kandidati li għal xi raġuni bilkemm jitħajru jiftħu ħalqhom u aktar jitkellem l-eżaminatur milli huma. Dan jista' jkun minħabba li jew il-kandidat meta jsib ruħu wiċċ imb'wiċċ ma' l-eżaminatur jistħi jew jibża' u bħal fatta jimmuta jew għax il-kandidat ikun batut sew fil-lingwa mitkellma billi għax ikun imdorri juża l-Ingliż fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

L-eżaminaturi ta' din it-taqsima jidhrilhom li matul il-kors ta' studju l-kandidati ftit li xejn qed jitħarrġu fil-lingwa mitkellma u għalhekk meta jersqu għal dan l-eżami ma jħossuhomx kunfidenti biżżejjed biex jitkellmu u jesprimu l-ħsibijiet tagħhom b'Malti tajjeb. Madankollu tistagħġeb kif xi wħud jiksbu marka għolja f'din it-taqsima u mbagħad issibilhom marki baxxi fit-taqsimiet l-oħra tal-kitba. Mill-banda l-oħra, ħasra li xi kandidati setgħu ġabu grad ogħla kieku marru aħjar f'din it-taqsima.

**Taqsima A - Il-Komponiment Ġenerali (20%)**

Fl-eżami ngħataw ħames temi b'xejriet differenti u li bejn wieħed u ieħor kollha ntgħażlu; iżda l-aktar tlieta li dehru li ntgħoġbu kienu *Minn fuq il-bejt tad-dar*, *Id-dinja tar-reklami* u *Il-veru ferħ u kuntentizza*. Għalkemm ftit għażluh, l-aħjar ideat dehru fil-komponiment *Triq tirrakkonta ġrajjietha*. L-aktar ideat fjakki u mqanżħa dehru fil-komponiment li fih kellu jinkiteb diskors ta' inawgurazzjoni ta' librerija ġdida. Dwar il-komponiment *Minn fuq il-bejt tad-dar* nistgħu ngħidu li kien hemm diversi ideat strambi dwar traġedji, inċidenti tat-traffiku u serq sensazzjonali minn djar u li ma kellhomx x'jaqsmu għal kollox max-xejra tal-komponiment.

Wieħed jista' jgħid li għalkemm kien hemm diversi ideat oriġinali 'l hemm u 'l hawn, ħafna minn dawn kienu jixxiebhu. B'mod ġenerali kien hemm għadd mhux ħażin ta' kandidati li dehru kapaċi jesprimu ruħhom b'Malti tajjeb u mexxej u b'ortografija bi ftit li xejn żbalji. Il-maġġoranza ta' dawk li ġabu marki baxxi f'din it-taqsima dehru batuti fil-kitba bil-Malti u jħassbuk kif dawn għandhom ċertifikat tal-livell ordinarju.

Fost id-difetti l-aktar serji nistgħu insemmu dawn:

- Kitba bla pjan jew ħsieb
- Ideat mhux daqstant relevanti jew ċari dwar it-tema tal-komponiment
- Idjoma fjakka u mqanżħa
- Nuqqas ta' punteġġjatura
- Żbalji serji ta' l-ortografija
- Żbalji sintattiċi u grammatikali
- Nuqqas ta' tqassim f'paragrafi kif meħtieġ

Il-bord ta' l-eżaminaturi jirrakkomanda lill-għalliema ta' dan is-suġġett biex kemm jista' jkun jiġbdu l-attenzjoni ta' l-istudenti tagħhom kull meta jiltaqgħu ma' żbalji u difetti serji bħal dawn li semmejna fil-kitbiet tagħhom. Mill-banda l-oħra l-istudenti nfushom għandhom jidħlu għal dan l-eżami b'impenn sħiħ u bi tħejjija xierqa u serja, billi matul is-sentejn kors ta' studju li jagħmlu, jikkonsolidaw dak li jkunu tgħallmu fis-sekondarja u juru aktar maturità mhux biss fil-kitba iżda wkoll fl-ideat u fl-espressjoni. Il-qari u t-taħriġ fil-kitba u t-taħdit jibqgħu dejjem mezzi essenzjali biex tinkiseb dik il-kompetenza u l-ħila mistennija f'eżami ta' dan il-livell.

### Taqsima B - Il-Lingwistika Maltija (20%)

Il-komponimenti tal-lingwistika li l-aktar ntgħażlu kienu dwar il-bilingwiżmu u dwar il-Malti bħala lsien imħallat. Il-komponiment l-ieħor dwar is-sintassi ma kienx trattat kif suppost u għalhekk il-biċċa l-kbira ta' dawk li għażluh ma tantx marru tajjeb. L-aktar raġuni komuni kienet li ftit li xejn ħarġu d-differenza bejn is-sentenza miktuba u l-espressjoni fit-taħdit.

Fil-komponimenti kollha spikkat ir-riproduzzjoni ta' noti jew komponimenti studjati bl-amment b'mod li parti mit-tweġiba ma kinitx marbuta direttament mal-mistoqsija. Għalhekk bħal snin oħra wieħed seta' jiltaqa' ma' komponimenti bl-istess daħla u għeluq u bl-istess format. Ngħidu aħna fil-komponiment dwar il-Malti bħala lsien imħallat kien hemm għadd mhux ħażin ta' kandidati li ħlew aktar minn nofs il-komponiment jittrattaw l-element semitiku meta ntalbu jiktbu u jikkummentaw fuq l-elementi l-oħra. Dehru wkoll diversi ineżattezzi dwar fatti storiċi. Fil-komponiment dwar il-bilingwiżmu kien hemm għadd ġmielu ta' kandidati li ttrattaw il-bilingwiżmu aktar bħala ġlieda bejn iż-żewġ ilsna uffiċjali milli taw eżempji ta' kif il-bilingwiżmu jista' jkun ta' fejda.
Jidher li din is-sena l-livell tat-tweġibiet ta' din it-taqsima ftit li xejn tjiebu ħtija ta' l-istudju bl-amment mingħajr ma wieħed iwieġeb eżatt dak li ġie mitlub minnu fl-eżami. Hawn ukoll nirrakkomandaw aktar taħriġ mill-kandidati u aktar għajnuna mill-għalliema biex l-istudenti jkunu aktar oriġinali meta jiġu biex jagħtu l-eżempji. L-oriġinalità fl-eżempji turi aktar kemm il-kandidat fehem sewwa s-suġġett li qed jikteb dwaru.

### Taqsima Ċ – Il-komponiment dwar il-Poeżija (20%)

F'din it-taqsima ngħataw żewġ mistoqsijiet biex tintgħażel u titwieġeb waħda biss. L-ewwel mistoqsija kienet dwar l-Identità Nazzjonali waqt li t-tieni waħda kienet dwar it-tema Eżistenzjali. Ħafna mill-kandidati li għażlu li jwieġbu l-ewwel mistoqsija, ma fehmux sewwa l-mistoqsija jew ma kinux jafu kif kellhom iweġbuha minkejja li fil-fehma tagħna kienet ċara biżżejjed. Naħsbu li dan seta' ġara ħabba li l-kelma 'ambjent' assoċjawha biss ma' l-ambjent naturali għalkemm dan jidħol ukoll taħt it-tema ta' l-Identità Nazzjonali. Dawk il-kandidati li għamlu emfasi jew ittrattaw biss l-ambjent naturali u l-qirda tiegħu wieġbu biss parti mill-mistoqsija u għaldaqstant tilfu ħafna marki.

Madankollu l-aktar mistoqsija li ntgħażlet kienet dik dwar il-problemi eżistenzjali. Għadd ġmielu ta' kandidati kienu jafuha bl-amment, bil-kwotazzjonijiet b'kollox! Dehru tweġibiet bl-istess argumenti, bl-istess ordni ta' poeżiji u bl-istess kwotazzjonijiet. Rari kien hemm riflessjonijiet jew kummenti personali lilhinn min-noti ta' l-għalliema fil-klassi jew tal-kotba li xtraw. Ma ssugrawx jew ma ndenjawx ruħhom jiżviluppaw l-argumenti jew il-kummenti li tefgħu f'nifs wieħed. Għaldaqstant il-biċċa l-kbira tal-komponimenti kienu qosra u xotti wisq u ma kinux jixirqu għal dan il-livell. Terġa', ħafna kandidati jidhru li għadhom ma tgħallmux kif

jiktbu komponiment letterarju tajjeb. Mingħalihom li billi tgħid xi ħaġa dwar xi poeżiji li huma relevanti għat-tema huwa biżżejjed. Dawn kulma għamlu ħasbu f'xi ħames jew sitt poeżiji u taw biss il-ħsieb tagħhom u forsi kkwotaw xi vers jew xi frażi. Il-fatt li dawn il-kandidati semmew l-istess poeżiji bl-istess ordni u kkwotaw l-istess versi juri li tgħallmu bl-amment in-notamenti li tawhom l-għalliema tagħhom.

Il-kitba ta' komponimenti letterarji titlob tħejjija serja u taħriġ kontinwu. Din hi responsabiltà ta' l-għalliema ta' dan is-suġġett li jridu jiggwidaw lill-istudenti tagħhom biex jagħrfu japprezzaw u janalizzaw il-poeżiji b'rabta ma' temi partikolari, u l-kummenti li jagħmlu jridu jmorru 'l hemm mis-sempliċi ħsieb. Barra mit-taħriġ fil-kitba ta' komponimenti letterarji, l-istudent irid idaħħalha f'rasu li jaqra kemm jista' xogħlijiet ta' kritika letterarja ħalli jgħin lilu nnifsu jiżviluppa mentalità aktar matura li tagħtih il-ħila jsawwar argumenti relevanti u serji meta jikteb dan it-tip ta' komponiment.

**Taqsima D – Il-komponiment dwar in-Narrattiva (20%)**

F'din it-taqsima kien hemm erba' mistoqsijiet: tnejn fuq ir-rumanz ta' Ġuże Aquilina *Taħt Tliet Saltniet* u tnejn fuq id-dramm ta' Francis Ebejer *Il-Ġaħan ta' Binġemma*. Il-kandidati kellhom iwieġbu mistoqsija waħda biss. Il-biċċa l-kbira għażlu li jwieġbu dik dwar id-dramm ta' Ebejer. Il-qofol ta' l-argumenti kien jikkonċerna t-tema tal-kontinwità, tema ovvja ħafna u prevedibbli li toħroġ fl-eżami. Anki hawn deher l-effett tan-noti mogħtija mill-għalliema, għax komponiment wara l-ieħor kellhom l-istess argumenti u bl-istess kwotazzjonijiet. Il-qosor ta' ħafna komponimenti wera ċar in-nuqqas ta' ħila fil-kitba ta' komponimenti letterarji; donnhom kienu sinopsis tan-noti biex ikunu studjati bl-amment b'mod pappagallesk. Ftit kienu dawk li verament irnexxielhom jittrattaw din it-tema fl-aspetti kollha tagħha u jiżviluppaw l-argumenti u l-kummenti personali tagħhom.

Nistgħu ngħidu li ftit wisq wieġbu dwar ir-rumanz ta' Aquilina – forsi t-tul tiegħu jgerrex lil dak li jkun biex jistudjah għall-eżami. Iż-żewġ mistoqsijiet kien fihom xi tgħid, x'tiddiskuti u tikkummenta, b'danakollu dawk li għażlu li jwieġbu xi waħda minnhom kienu xotti wisq. Xi wħud flok iddiskutew jew ikkummentaw qagħdu jirrakkuntaw xi siltiet mir-rumanz. Tweġibiet bħal dawn juru nuqqas ta' ħila u serjetà min-naħa tal-kandidati li wara sentejn kors ta' studju fil-livell intermedju għadhom ma nfatmux mill-mentalità tas-sekondarja.

**Konkluzjoni**

Il-bord ta' l-eżaminaturi jħoss li b'mod ġenerali l-livell ma kien xejn sodisfaċenti. Biex dan jitjieb il-kandidati jridu jifhmu mill-bidunett li jridu jidħlu għal dan l-istudju b'aktar serjetà u impenn, u l-interess fis-suġġett għandu jħeġġiġhom biex itejbu l-mod kif jesprimu ruħhom fil-lingwa mitkellma u dik miktuba, jistudjaw b'mod analitiku it-testi letterarji u fuq kollox ma jserrħux għal kollox fuq in-noti li jingħatawlhom mill-għalliema tagħhom. Barra minn hekk, bħal kull qasam ieħor tal-ħajja, it-taħriġ kontinwu jgħin ħafna biex wieħed jagħraf id-difetti tiegħu, jirranġahom u jagħmel progress.

Fl-aħħarnett nixtiequ nifirħu lil dawk kollha li għax għamlu ħilithom u ħadu l-eżami bis-serjetà li tistħoqqlu, mhux biss għaddew iżda ġabu grad għoli. Kelma ta' tifħir tixraq ukoll lil dawk l-għalliema li għamlu ħilithom biex barra li jgħallmu lill-istudenti li kellhom taħt idejhom, kienu wkoll strument biex titnissel fihom aktar imħabba lejn l-Ilsien Malti u l-Letteratura tiegħu.

Chairperson
Bord ta' l-Eżaminaturi
Settembru 2007